# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru mija u tlettax (113)tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 22 ta' Jannar, 2013 fil-Bini Amministrattiv tal-KLM fis-6:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| SKUŻATI: | Paul Spiteri | Kunsillier |

1. Il-laqgħa bdiet kwarta tard, peress li ma kienx hemm kworum mingħajr Paul Spiteri li kien skużat u wkoll is-sindku li daħal tard. Din kienet ippreseduta minn Charles Farrugia u dan qal it-talba.

2. Il-minuti tas-seduta preċedenti li kienu mgħoddija b'*e-mail* lill-kunsillieri, kienu meħuda bħala moqrija u dawn ġew approvati u ffirmata wara li sarulhom il-korrezzjonijiet li jidhru fuq il-kopja oriġinali.

**Punti mill-Minuti:**

3. Se nerġgħu noħorġu l-offerta tat-tħaffir ta' *culvert* fi Triq il-Qattara mill-ġdid għaliex il-kunsillieri raw li l-unika offerta li tefa' l-kuntrattur *Denfar Excavators Ltd*, kienet għolja wisq.

4. Dwar id-drenaġġ li jirriżulta li daħal/għadu dieħel fil-katakombi, minkejja l-*e-mails* li bagħtulna *Heritage Malta,* ma nafux x'inhi l-pożizzjoni għaliex ħadd mill-kunsillieri m'għandu aċċess għal dan il-post. Intant, *Heritage Malta* ma qablux illi dan jitnaddaf mit-tinġiż matul din ix-xitwa kif ippropona l-KLM u se jħallu dan ix-xogħol għal meta ma jkunx hemm ċansijiet tajba ta' xita; aktar 'il quddiem.

5. Is-SE qal li jidher għad għandna problema bil-proposta li kienet saret biex jitwaqqa' parti mill-ħajt tal-għalqa tas-Sur Facciol għaliex kieku ilna li dawwarniha b'*fence* għas-sigurtà tas-sewwieqa propju fil-kantuniera fi Triq is-Siġġiewi.

6. Dwar il-proġett tal-Mentna, id-deputat sindku qal li x-xogħol ma setgħax isir mingħajr ma jkun hemm il-*variations*. Madankollu s-SE qal li s'issa għadu ma jafx jekk kienux aċċettati u approvati mill-Aġenzija tal-Pagamenti, l-*MRRA*. Charles Farrugia qal li l-varjazzjonijiet huma prerogattiva tal-perit. Hu sostna li dan il-proġett ġie f'idejna ħabta w sabta u dwar affarijiet tekniċi u diżinn, hemm r-responsabbiltà tal-perit. Ir-*road markings* saru propju qabel ma bdiet din is-seduta, iżda jirriżulta illi fejn il-mekkanik, propju fejn l-aktar li kien hemm bżonn li ma jipparkjawx, dawn ma sarux. It-*tarmac* ta' mar-*roundabout* sar minn *Transport Malta,* filwaqt li fi Triq il-Qrendi, baqgħu jagħmlu r-*road markings* sar-*roundabout* tal-Qrendi.

7. Nicholas Briffa qal li l-fatt li qed jipparkjaw ħafna vetturi tqal viċin il-proġett taċ-Ċentru tal-Viżitaturi, qed jgħarraq l-istess proġett. Hawn id-deputat sindku ssuġġerixxa li l-*cul de sac* tiġi żona pedonali biex jinqata' l-parkeġġ ta' dawn il-vetturi li qed iqattru ż-żejt fit-triq. Għaldaqstant, hu ssuġġerixxa li l-KLM jagħlaqha bil-*bollards* wara li jiġi mitlub il-permess ta' *TM*. Hu qal li bi preparazzjoni għal dan, għandna nġibu informazzjoni jekk nistgħux nagħlquha mill-ewwel *gate* (tal-ġnien pubbliku) sa ġewwa. Hu qal li suppost, mal-ġnien diġà hemm *double yellow line* u għalhekk fuq naħa waħda mhux suppost jipparkjaw.

8. Hawn issemmiet it-talba li kien hemm minn xi kunsillieri dwar estenzjoni tal-bankini fil-proġett li kienet rifjutata. Dan fl-isfond li sar ippavimentar ta' parti mit-triq (arterja) u mhux ta' bankini quddiem fejn joqogħdu r-residenti.

9. Ix-xogħol ta' t*armac* mill-istess kuntrattur ta' *Transport Malta* sar anke fil-parti ta' Triq Valletta propju viċin Triq Valletta l-Qadima fejn Charles Farrugia qal li kienu affettwati sittax-il familja. Dan sar wara li tpoġġew xi katusi tad-drenaġġ għax ma kienx hemm medda f'dan is-sit, u anke sar xogħol fuq il-mejn tal-ilma mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

10. Dwar id-*depression* ta' Triq tas-Sejba, Nicholas Briffa qal li s-sindku kien infurmana fl-aħħar seduta illi din se jieħu ħsiebha l-Inġinier Borg fi ħdan *Transport Malta* u mhux aktar il-Perit Galea. Hawn Charles Farrugia staqsa, *"..jekk jagħtuha t-tarmac, din se terġa' tinżel?"*

11. Dwar il-proposta li saret lill-familji tal-*Housing Estate* ta' Binja Ħarrigiet, intqal illi dawn ma kkonkorrewx kif kien mistenni biex jiffurmaw assoċjazzjoni ħalli l-parti komuni tkun amministrata b'mod aħjar u tkun prożunzjoni minn naħa tagħna jekk nippruvaw nagħqqdu l-assoċjazzjoni meta jidher ċar li m'hemmx rieda tajba. Għaldaqstant biex nevitaw li jinqalgħu il-problemi, qed ikun suġġerit illi fil-futur nagħmlu laqgħa pubblika ma' dawn ir-residenti biex nipperswaduhom.

12. Se tintbgħat ittra ta' rikonoxximent lis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija għaliex irriżulta li dawn rebħu l-premju tal-aqwa presepju ħaj f'Malta.

13. Se ssir *follow up* tat-talba li ntbagħtet lid-Direttorat tal-Immaniġjar tat-Traffiku fi ħdan *Transport Malta* biex isir *reserved parking* għal persuni bi bżonnijiet speċjali taħt is-siġra taż-żebbuġ fil-Pjazza tal-Knisja.

14. Il-kunsillieri qalu li għal nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Jannar, 2013, għal-laqgħa pubblika tal-lokalità qed nistennew li jiġu r-residenti ta' Triq San Mikiel biex jieħdu l-ispjega dwar il-għaliex il-gandott għall-ilma tax-xita ma kienx sar. Charles Farrugia qal li dan ix-xogħol kien sar mill-*public works* u l-KLM kien sempliċiment medjatur. Aktar tard is-sindku skuża ruħu għaliex mhux se jkun jista' jattendi għal-laqgħa pubblika li se tinżamm tlett ijiem oħra u talab lid-deputat sindku jippresediha.

15. Noel Galea ġie għal din il-laqgħa minn dan il-punt 'il quddiem, fit-7:45pm u kompla jippresjedi l-laqgħa.

16. Dwar l-ipparkjar tal-vetturi tqal fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti, hu qal li l-mekkanik mhux qed jikser l-ebda liġi, imma jekk dan għandu l-karozzi li mhux tiegħu, dawn mhux suppost jipparkjahom hemm u jibqgħu għax hija żona riservata għar-residenti.

17. Is-SE kien mitlub sabiex sa nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Jannar, 2013 jibni *excel sheet* tat-toroq bl-ammont li tħallas u wkoll dak li għadu ma tħallasx.

18. L-ikla tal-KLM se ssir nhar it-2 ta' Frar 2013 fil-*Hotel Tulip Vivaldi*.

19. Charles Farrugia kien skużat biex jitlaq minn dan il-punt 'il quddiem, fit-20:15pm.

20. Fil-korrispondenza s-sindku ġibed l-attenzjoni illi d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħafer nofs il-multa €357 tal-*accounts* li kienu mgħoddija tard is-sena l-oħra. Is-SE informa lill-kunsillieri illi dwar din is-sena, l-*accountant* għall-ewwel ma kienx jista' jiġi fl-uffiċċju, imbgħad marad hu u nfatti qed jattendi din il-laqgħa bi sforz fuq saħħtu, minkejja li ċ-ċertifikat tas-*sick leave* jagħlaq għada u issa għadna rriduh jagħtina appuntament ieħor.

21. Is-SE kien awtorizzat li jordna *barrier* fuq suġġeriment tas-sindku quddiem il-*garages* ta' Emanuel Mifsud fi Triq tas-Sejba. Hu qed jitlob illi jsirlu lqugħ permezz ta' barikata, filwaqt li s-sindku issuġġerixxa li nitolbuh jiffirma li jaċċetta li tingħalaq l-entrata tal-*garages* tiegħu b'dan il-mod. Dan qed isir minħabba sewqan bl-addoċċ li qed ikun hemm.

22. Is-sindku rrefera fil-korrispondenza għad-deċiżjoni negattiva tal-bord tal-għażla ta' skema lokali fejn l-istess bord ma kkonċediex li jingħataw lampi *energy savings* biex jitqassmu fir-raħal.

23. Wara li kienet mgħoddija parti mill-allokazzjoni finanzjarja għax-xhur ta' Jannar – April 2013, is-SE seta' jikkompila l-ewwel *draft* tal-estimi finanzjarji 2013. Minkejja li dan għadu ma kienx ikkunsidrat għall-approvazzjoni, is-SE ta kopja lill-kunsillieri permezz ta' *e-mail* xi ftit tal-ġranet ilu biex jamendaw dak li jridu minnu.

24. Is-sindku staqsa jekk il-KLM jridx iġedded il-kuntratti eżistenti tal-ġbir tal-iskart separat mal-kumpanija *Greenpak Co-operative.* Dwar dan kien hemm qbil unanimu u l-kuntratti se jiġu ffirmati għal sena oħra.

25. Lanqas ma kien approvat ir-rapport amministrattiv 2012, għaliex il-kunsillieri ipproponew amendi sabiex fejn jidher id-defiċit ta' €632,584.40 jiġi bilanċjat bi dħul ta' fondi li ngħata l-KLM biex jiksi t-toroq. Anzi il-kunsillieri talbu illi l-proġett tal-Mentna ma jkunx rifless fl-istess figuri ta' dan ir-rapport.

26. Ġiet approvata l-*Payment Approval Sheet* numru 455 mingħajr *items 25, 26, 27* ta' *Asfaltar Ltd*, *28, 29, 30* ta' Anthony Bezzina, u *17* ta' Mario Vella.

27. Il-laqgħa ntemmet fid-21:15pm u dik li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 5 ta' Frar, 2013 fl-istess ħin.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*5 / 2/ 2013 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |